**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 62/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Jotham Saliba**
**(ID 433270M)**

**Illum, 29 ta' Mejju 2019**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Jotham Saliba**, ta' 42 sena, iben Joseph u Carmen nee` Curmi, imwieled il-Pieta` fis-6 ta' Settembru 1970 u residenti Guernica, Triq il-President Anton Buttigieg, Żejtun, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 433270(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fil-15 ta' Frar 2013 u matul l-aħħar sena qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtoriżżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, l-Avviż Legali 22 tal-1985, kif

emendati, liema mediċina nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xorta oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*LSD*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, l-Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

e) Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żagħżagħ bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

f) U aktar talli sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema deċiżjoni saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta'

Malta u l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabiex dan il-każ jinstema’ minn din il-Qorti bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali;

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li huwa “*Ħati pussess + mhux ħati pussess aggravat*”[1], fil-waqt illi fis-seduta sussegwenti tas-27 ta’ Frar 2013, id-difiża kkjarifikat illi l-ammissjoni tal-imputat kienet għall-imputazzjonijiet kollha, iżda in kwantu l-imputazzjoni (a), l-ammissjoni tiegħu kienet biss għall-pussess ‘sempliċi’. Skont l-istess verbal, lanqas ma kien hemm ammissjoni dwar l-imputazzjoni (e) li tirreferi għall-aggravju tad-distanza;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li qed tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi ċ-ċirkostanzi fil-qosor li wasslu sabiex jinbdew dawn il-proċeduri penali fil-konfront tal-imputat Jotham Saliba u li m’humiex ikkontestati huma s-segwenti: Wara informazzjoni li kienet rċeviet dwar allegat traffikar ta’ droga fil-konfront tal-imputat odjern, nhar il-15 ta’ Frar 2013, membri mill-Iskwadra kontra d-Droga waqqfu lill-istess imputat quddiem it-*terminal* tal-ajruport internazzjonali ta’ Malta u hemmhekk għamlu tfitxxija fuq il-persuna tiegħu u fuq il-vettura li kien qed isuq, minn fejn elevaw numru ta’ pilloli *ecstasy* u sussegwentement, komplew bi tfittxija fir-residenza tiegħu, minn fejn ukoll elevaw sustanzi suspettużi.

In sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat odjern, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Pierre Grech** xehed dwar l-isfond li wassal għall-arrest tal-imputat minn membri tal-Iskwadra kontra d-Droga nhar il-15 ta’ Frar 2013 għall-ħabta tal-10.00 p.m. u dwar l-investigazzjoni sussegwenti li kien wettaq hu, fil-waqt illi esebixxa *inter alia* żewġ stqarrijiet rilaxxjati mill-istess imputat nhar is-16 ta’ Frar 2013[2], żewġ *mobile phones* elevati mill-pussess ta’ l-imputat ossia *mobile phone* Samsung S3 flimkien mas-*sim card*, esebit bħala Dok. PG4 u *mobile phone* ieħor tal-marka Nokia, skont ix-xhud mingħajr *sim card*, esebit bħala Dok. PG5, is-somma ta’ €95 fi flus kontanti u s-somma ta’

[1] Ara a fol. 8A tal-proċess.

[2] Dawn jinsabu esebiti a fol. 31 sa 40 tal-proċess.

€1120 ukoll fi flus kontanti elevati mill-pussess ta' l-imputat, kif ukoll sentenza[3] mogħtija fil-konfront tal-imputat odjern nhar id-9 ta' Settembru 2010 minn din il-Qorti kif diversament preseduta.[4]

2. **PS 1220 Chris Baldacchino** xehed illi fil-15 ta' Frar 2013 għall-ħabta tad-9.30 p.m., l-imputat ġie osservat ħiereġ mir-residenza tiegħu ġewwa ż-Żejtun, daħal f'vettura tal-għamla Peugeot u ġie segwit. Xehed ukoll illi sussegwentement, l-istess imputat ġie osservat jipparkja l-vettura fl-ajruport internazzjonali ta' Malta u daħal ġewwa ż-żona tad-*Departures*, fejn ix-xhud osserva lill-imputat jixtri xi ħaġa. Hekk kif ħareġ u daħal fil-vettura, l-imputat ġie mwaqqaf. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna tiegħu, mill-but, ġew elevati s-somma ta' €95 fi flus kontanti, bott abjad b'ħamsin pillola u *mobile phone* Samsung S3. Mill-bieba tal-vettura ġie elevat pakkett tas-sigaretti tal-marka 'Pall Mall', li kien fih 47 pillola. Taħt is-*seat* tax-xufier, ix-xhud sab pillola u borża bi trab abjad suspettat kokaina. Jgħid ukoll illi waqt it-tfittxija fir-residenza tal-imputat instabu, fil-kamra tiegħu, żewġ boroż żgħar tal-plastik b'żewġ biċċiet tal-karti suspettati *LSD*, borża b'xi *grass* suspettat *cannabis* u ammont ta' flus fis-somma ta' €1120. Skont ix-xhud, il-flus ġew elevati minn PC 1500. Instab ukoll bott tat-*Tic Tac*, li kien fih 10 pilloli.[5]

3. **PC 817 Gareth Damato** xehed illi fil-jum in kwistjoni, flimkien ma' PS 1220, PC 1500 u PC 213 huwa kien qed isuq vettura tal-pulizija u waqfu l-ajruport. Hemmhekk waqqfu lill-imputat odjern li kien qed isuq vettura tal-għamla Peugeot, ta' lewn blu. Sussegwentement kien xhud tat-tieni stqarrija rilaxxjata mill-imputat.[6]

4. **PS 1044 Gordon Calleja** xehed illi kien xhud tal-ewwel stqarrija rilaxxjata mill-imputat.[7]

5. **PC 1500 Alfred Cutajar** xehed illi nhar il-15 ta' Frar 2013 kienu interċettaw lill-imputat odjern quddiem it-*terminal* tal-ajruport internazzjonali ta' Malta, wara informazzjoni li dan kien qiegħed jittraffika d-droga. Waqqfu lill-imputat u minn fuq il-persuna tiegħu, PS 1220 Chris Baldacchino eleva *mobile phone* Samsung S3, kif ukoll kontenitur tal-plastik abjad li kien fih

---

[3] Ara a fol. 62 sa 63 tal-proċess.
[4] Ara x-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech a fol. 26 sa 30 tal-proċess, a fol. 60 u 61 tal-proċess u x-xhieda tiegħu in kontro-eżami a fol. 134 sa 137 tal-proċess.
[5] Ara din ix-xhieda a fol. 43 sa 46 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 47 sa 49 tal-proċess.
[7] A fol. 51 u 52 tal-proċess.

ammont sostanzjali ta' pilloli suspettati *ecstasy*. Minn tfittxija fil-vettura, liema tfittxija wettaqha PS 1220 fil-presenza tiegħu u tal-imputat odjern, mill-bieba ġie elevat pakkett tas-sigaretti 'Pall Mall', li wkoll kien fih ammont sostanzjali ta' pilloli suspettati *ecstasy* u kien hemm ukoll pillola oħra taħt is-*seat*. Saret tfittxija fir-residenza tal-imputat, u skont ix-xhud, mill-kamra tal-imputat, PS 1220 eleva diversi pilloli suspettati *ecstasy*, ftit *cannabis* u ftit kokaina, għalkemm jgħid ukoll illi din it-tfittxija saret minn PS 1220 u li dak il-ħin huwa ma kienx viċin tiegħu, minkejja li kien ukoll preżenti fir-residenza. Jgħid illi huwa eleva xi flus li kienu jinsabu f'*pouch* iswed.[8]

6. **Dr. Stephen Farrugia Sacco**, maħtur minn din il-Qorti f'dawn il-proċeduri, sabiex "*jottjeni l-incoming u l-outgoing calls u sms u johrog kull informazzjoni ohra bhal xi tip ta' messaggi ohra minn fuq il-mobile phones esebiti għall-perjodu 1 ta' Dicembru 2012 sas-16 ta' Frar 2013*" u dan b'referenza għall-*mobile phones* esebiti fl-istess seduta tas-27 ta' Frar 2013 mill-Ispettur Pierre Grech bħala Dok. PG4 (*mobile phone* Samsung S3) u Dok. PG5 (*mobile phone* Nokia), ippreżenta r-relazzjoni tiegħu fis-seduta tat-12 ta' April 2013 bħala Dok. SFS.[9] Formanti parti minn din ir-relazzjoni, huwa esebixxa *inter alia* rapport tekniku rigwardanti l-*smartphone* tal-għamla Samsung mudell GT-i9300 Galaxy S III, liema rapport fih l-informazzjoni kollha disponibbli u mitluba mill-Qorti, kif ukoll l-informazzjoni residenti fl-istess *smartphone* f'DVD, li jinsab anness u mmarkat bħala Dok. M1X, bl-informazzjoni mitluba.[10]

7. **Ix-Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ bħala espert forensiku, xehed u ppreżenta r-relazzjoni tiegħu, mil-liema relazzjoni jirriżulta illi nhar l-20 ta' Frar 2013, huwa ngħata dokument wieħed mill-Ispettur Pierre Grech ossia *envelope* ta' lewn kannella mmarkat bil-kliem 'Jotham Saliba' li kien fih is-segwenti:

    i. *Evidence bag* bin-numru S00568870 li fih: (i) karta bil-kliem Data: <u>15/02/13</u> Hin: <u>10:00PM</u> Elevat/i minn <u>fuq il-persuna ta' Jotham Saliba 433270(M)</u> fil-preżenza ta' <u>Jotham Saliba 433270(M)</u> minn <u>PS1220</u> (ii) pakkett tas-sigaretti *Pall Mall* li fih borża tal-plastik trasparenti li fiha 47 pillola ta' lewn aħdar (iii) bott tal-plastik ta' lewn abjad li fih 50 pillola ta' lewn ħadra;

---

[8] Ara din ix-xhieda a fol. 53 sa 59 tal-proċess.
[9] Din tinsab esebita a fol. 73 sa 94 tal-proċess.
[10] Ara dan id-DVD esebit a fol. 85 tal-proċess.

ii. *Evidence bag* bin-numru S00568871 li fih: (i) karta bil-kliem Data: 15/02/13 Hin: 10:00PM Elevat/i minn ġol-vettura EBI 348 fil-presenza ta' Jotham Saliba 433270(M) minn PS1220 PS1500 (ii) sikkina u mus (iii) pillola ta' lewn roża (iv) biċċa plastik trasparenti li fiha trab ta' lewn abjad;

iii. *Evidence bag* bin-numru S00568852 li fih: (i) karta bil-kliem Data: 15/02/13 Hin: 10:30PM Elevat/i minn ġol-kamra tas-sodda tar-residenza tiegħu ġewwa Żejtun li kienu ġol-komodina fil-presenza ta' Jotham Saliba 433270(M) minn PS1220 PS1500 (ii) pakkett ta' *Rizla+* (iii) borża tal-plastik trasparenti vojta li fuqha hemm *smileys* (iv) pakkett iswed bil-kliem *Wasted* u vojt (v) kontenitur żgħir bil-kliem *Tic Tac* li fih 10 pilloli li 3 minnhom huma blu, 3 ħodor skuri, 3 ħodor ċari u 1 oranġjo (vi) borża tal-plastik trasparenti żgħira li fiha biċċa karta (vii) borża tal-plastik trasparenti żgħira li fiha biċċa karta (viii) borża tal-plastik trasparenti vojta li kien fiha traċċi ta' lewn abjad (ix) borża tal-plastik trasparenti li fiha ħaxix.[11]

Illi dwar dan id-dokument, ix-Xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda bil-mod segwenti:

a) Illi fl-estratti meħuda mill-pilloli ndikati fil-paragrafi i, ii, iii *supra*, instabet is-sustanza *3,4Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*. In-numru total tal-pilloli kien ta' 108. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Parti A tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Illi fuq *swab* meħuda mill-borża tal-plastik indikata fil-paragrafu ii *supra* instabet is-sustanza *3,4Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Parti A tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) Illi fuq *swab* meħuda mill-borża tal-plastik indikata fil-paragrafu iii *supra* instabu s-sustanzi *3,4Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)* u *Kokaina*. Is-sustanza MDMA hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Parti A tal-

[11] L-oġġetti kollha misjuba fil-pussess tal-imputat odjern jidhru fil-faxxikolu fotografiku esebit a fol. 131 tal-proċess, formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 186 Kristian Mintoff.

Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-waqt illi s-sustanza Kokaina hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Hawnhekk irid jingħad illi mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi din il-borża tal-plastik hija dik deskritta fl-istess relazzjoni bħala '(iii) borża tal-plastik trasparenti vojta li fuqha hemm *smileys*'.

d) Illi fuq *swab* meħuda mill-borża tal-plastik indikata fil-paragrafu iii *supra* instabet is-sustanza Kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Mill-istess relazzjoni jirriżulta illi din il-borża tal-plastik hija dik deskritta fl-istess relazzjoni bħala '(viii) borża tal-plastik trasparenti vojta li kien fiha traċċi ta' lewn abjad'.

e) Illi fl-estratti meħud mill-ħaxix ta' lewn aħdar indikat fil-paragrafu iii *supra* instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol (THC)* sustanza li tiġi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piż total tal-ħaxix kien ta' 0.18 grammi. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tirrileva illi mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi d-dokumenti indikati fil-paragrafu iii *supra* bħala '(iv) pakkett iswed bil-kliem *Wasted* u vojt', '(vi) borża trasparenti żgħira li fiha biċċa karta' u '(vii) borża trasparenti żgħira li fiha biċċa karta', irriżultaw fin-negattiv.[12]

8. **PC 213 Nikolai Borg** xehed dwar it-tfittixija li saret fuq il-persuna, fil-vettura u fir-residenza tal-imputat nhar il-15 ta' Frar 2013 u kkonferma r-riżultanti ta' l-istess tfittxija.[13]

9. **PS 186 Kristian Mintoff**, maħtur bħala *Scene of Crime Officer* fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ, esebixxa r-relazzjoni tiegħu li tikkontjeni faxxikolu fotografiku b'ritratti dwar l-oġġetti misjuba fil-pussess tal-imputat odjern fil-jum in kwistjoni.[14]

F'dawn il-proċeduri xehed ukoll minn jeddu l-imputat **Jotham Saliba**, li fix-xhieda tiegħu kkonferma partijiet mill-istqarrijiet rilaxxjati minnu nhar is-16 ta' Frar 2013

[12] Ara f'dan is-sens a fol. 103 tal-proċess.
[13] Ara a fol. 122 u 123 tal-proċess.
[14] Ara din ir-relazzjoni a fol. 128 *et seq* tal-proċess.

wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, u wara li ngħata d-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. Bażikament f'din ix-xhieda, l-imputat isostni illi l-pilloli misjuba fil-pussess tiegħu fil-jum in kwistjoni kienu intiżi esklussivament għall-użu personali tiegħu u dan stante illi huwa kien jagħmel użu sostanzjali minn dawn il-pilloli fil-*weekend*. Skont hu, meta kien joħroġ kien iqatta' l-*weekend* barra sal-Ħadd fil-għaxija u kien jikkonsma għaxar pilloli f'lejl. Dakinhar il-pilloli in kwistjoni kienu fil-vettura tiegħu stante illi kien għadu kif akkwistahom dakinhar stess u meta daħal id-dar wara x-xogħol, tant kien għajjien illi nesa jdaħħalhom miegħu. Meta reġa' ħareġ induna li kien ħallihom fil-karozza u allura tefa' l-bott b'parti mill-pilloli fil-but u baqa' sejjer lejn l-ajruport. Wara kien bi ħsiebu jmur id-dar. Jgħid illi kien xtara dan l-ammont ta' pilloli stante li kien sabhom bi prezz tajjeb ossia bil-prezz ta' €2 flok €10 il-waħda u li kien xtara dan l-ammont biss f'okkażżjoni oħra preċedenti. Altrimenti dejjem kien jixtri pillola pillola matul il-lejl, skont il-bżonn. L-imputat jinnega fix-xhieda tiegħu illi huwa qatt traffika d-droga, jew li dawk il-pilloli ma kinux intiżi għall-użu personali tiegħu, jew li kien diġa` qassam minnhom lil terzi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fl-ewwel lok, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess aggravat tal-pilloli *ecstasy*. Għal dan l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-pussess tal-istess pilloli, iżda qed jikkontesta l-aggravanti tal-istess pussess. Fi kliem ieħor, l-imputat qiegħed jiddefendi ruħu billi jsostni illi tali pilloli kienu intiżi biss għall-użu personali u esklussiv tiegħu.

M'hemmx dubbju mir-riżultanzi tar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut illi l-pilloli in kwistjoni kienu dawk komunement magħrufa bħala *ecstasy*. Huwa evidenti wkoll mill-atti proċesswali illi l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess aggravat in vista fl-ewwel lok tan-numru konsiderevoli ta' pilloli *ecstasy* li nstabu fi-pussess tiegħu fil-jum in kwistjoni, liema ammont ta' droga evidentement mhuwiex tali li normalment wieħed jassoċjah mal-użu personali tad-droga, kif ukoll fid-dawl ta' xi messaġġi fuq il-*mobile phone* Samsung li nstab fil-pussess tiegħu, liema messaġġi skont it-teżi tal-Prosekuzzjoni jindikaw illi l-imputat jispaċċa d-droga.

Fix-xhieda tal-imputat matul dawn il-proċeduri, kemm id-difiża, kif ukoll il-Prosekuzzjoni tagħmel referenza lill-imputat għal uħud mill-messaġġi misjuba fuq il-*mobile phone* Samsung, għal-liema l-imputat iwieġeb illi dawn il-messaġġi kienu jirreferu jew għall-biljetti tal-*parties* li huwa jgħid li kien ibiegħ, jew għal CDs li huwa wkoll kien ibiegħ stante illi kien parti minn *band* li ħarġet żewġ *albums*, jew

altrimenti li kien jirċievi messaġġi mingħand persuni li ma kienx jafhom jew fil-każ ta' messaġġ partikolari, li jaħseb li dan kien qed jiċċajta u allura huwa kien kompla miegħu biex fi kliemu "*hadtu jien bid-dghajsa lura hux*"[15] jew inkella f'punt ieħor tax-xhieda tiegħu li jista' jkun illi l-messaġġ ma kienx għalih.

Minkejja dak li jgħid l-imputat fix-xhieda tiegħu u l-iskużi li jġib għall-messaġġi li ssir referenza għalihom, liema messaġġi jindikaw diskors dwar droga u ċertament mhux CDs jew biljetti kif isostni hu, minn analiżi dettaljata tal-kontenut tal-*mobile phone* Samsung tal-imputat, il-Qorti tista' tikkonkludi mingħajr ebda tlaqliq illi jirriżulta ċar u mingħajr ebda dubju illi l-imputat kien jispaċċja d-droga lil terzi. Naturalment, il-Qorti m'hijiex tgħid illi l-imputat ma kienx huwa stess juża l-pilloli *ecstasy* u anke droga oħra u dan kif jirriżulta wkoll mill-istess messaġġi fuq il-*mobile phone* imsemmi, iżda dan waħdu ma jeskludix il-fatt illi l-imputat kien jispaċċja d-droga, kif evidenti mill-messaġġi li ser jiġu indikati iżjed 'l isfel; messaġġi li mhumiex biss dawk li għalihom issir referenza lill-imputat fix-xhieda tiegħu, iżda anke diversi messaġġi oħrajn. Fid-dawl ta' dawn il-messaġġi, id-difiża tal-imputat ma treġix. Minkejja li mhuwiex inkontestat illi l-imputat kien f'xi żmien f'*band* lokali u minkejja wkoll li jista' jkun li l-imputat verament kien ibiegħ xi biljetti jew *CDs* in vista tal-involviment tiegħu f'din il-*band*, biss huwa evidenti wkoll illi l-involviment tal-imputat mad-droga ma kienx wieħed biss ta' użu personali.

Jirriżulta wkoll minn dawn il-messaġġi illi d-diskors dwar droga huwa iżjed prominenti ma' ċertu persuni, b'mod partikolari ċertu Chris Vella (9952 7566) u Matthew Grech (7943 4444). F'dan l-istadju huwa opportun ukoll illi din il-Qorti tiċċara illi l-imputat m'huwiex jiġi akkużat bir-reat ta' traffikar, iżda bir-reat ta' pussess tad-droga f'ċirkostanzi tali li juru li dik id-droga ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-pussessur u għalhekk sabiex din l-imputazzjoni tirriżulta ppruvata huma suffiċjenti provi, anke ta' natura indizzjarja, provi inekwivoċi li jippuntaw ilkoll f'direzzjoni waħda u li jikkonvinċu lil din il-Qorti, fil-grad rikjest mil-liġi, illi d-droga misjuba ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-pussessur, f'dan il-każ l-imputat odjern.

Illi fost il-kontenut voluminuż ta' wieħed mill-*mobile phones* ossia il-*mobile phone* Samsung, il-kontenut intier ta' liema kif ingħad huwa esebit bħala Dok. M1X formanti parti mir-relazzjoni tal-espert Dr. Stephen Farrugia Sacco, wieħed isib *inter alia* is-segwenti skambju ta' messaġġi bejn l-imputat odjern (li qed jiġi indikat iżjed

---

[15] Ara a fol. 184 tal-proċess.

'l isfel bħala 'JS') u ċertu Matthew Grech (li qed jiġi indikat bħala 'MG') fil-jum tal-31 ta' Diċembru 2012 fil-ħinijiet hawn taħt indikati[16]:

| | | |
|---|---|---|
| MG | 09:37:17 | *mrs saliba i was wondering if you might be able to help me out a friend of mine was in need of something for tonight and i have no clue who to ask lol* |
| JS | 09:38:15 | *what is it he needs* |
| MG | 09:41:26 | *some vitamins to keep him alert* |
| MG | 09:41:29 | *nothing crazy* |
| MG | 09:41:44 | *only 2 nahseb* |
| JS | 09:41:47 | *how many ?* |
| MG | 09:41:51 | *xorta tot id ask you instead of any 1 else* |
| JS | 09:42:28 | *should not be a problem* |
| MG | 09:42:50 | *then let me know how we can do this lol ghax ill come meet you filkas*[17] |
| MG | 09:55:24 | *you have other things on the menu?* |
| JS | 09:56:34 | *well talk when we meet* |

Fil-jum tas-6 ta' Jannar 2013, imbagħad, l-imputat u l-istess Matthew Grech skambjaw is-segwenti messaġġi:

| | | |
|---|---|---|
| MG | 14:06:00 | *my friend was happy with the items just to let you know:), they seem to be a lot nicer than what used to go around* |
| JS | 14:06:58 | *cool... they are smoother... these are the strongest around at the moment* |

[16] Għal kull buon fini irid jingħad illi għalkemm il-messaġġi ma kinux dejjem fl-ordni li qed jiġu indikati, biss il-Qorti għamlet elenku tagħhom skont il-ħin tal-istess messaġġi.
[17] Jirriżulta minn messaġġi li jsegwu illi l-imputat u Matthew Grech kienu ftehmu sabiex jiltaqgħu ħdejn il-*club* bl-isem 'Liquid' u anke skambjaw in-numri tat-telefon rispettivi tagħhom.

| | | |
|---|---|---|
| MG | 14:07:39 | *good to know ull probably hear from me more then hahaha* |

Il-Qorti hija tal-fehma minn dan l-iskambju u oħrajn illi l-imputat kien jaf lil Matthew Grech tant illi Grech ma ntroduċiex lilu nniffsu mal-imputat u dan qiegħed jingħad partikolarment peress illi fix-xhieda tiegħu, l-imputat jgħid li huwa kien jirċievi diversi messaġġi mingħand persuni li l-identita` tagħhom ma kienx jafha, u li skond l-aptit jew il-burdata kien jew jinjorahom jew altrimenti jkompli magħhom. Il-Qorti tqis illi lanqas ma huwa l-każ li dawn il-messaġġi jirreferu għal *compact discs* jew għal biljetti.

Skambju ieħor ta' messaġġi sinjifikattivi bejn l-imputat u l-istess Matthew Grech huwa dak tat-12 ta' Jannar 2013, liema messaġġi jaqraw kif isegwi:

| | | |
|---|---|---|
| MG | 18:54:51 | *Your services are required* |
| MG | 18:55:36 | *waiting for a reply* |
| JS | 18:56:08 | *im a bit indisposed today we are at ahrax mellieha* |
| MG | 18:58:03 | *okay no worries thanks* |
| MG | 21:23:27 | *if I come to ahrax* |
| JS | 21:41:02 | *How many?* |
| MG | 22:02:27 | *False alarm cheers any way* |
| JS | 22:05:51 | *no worries bro* |
| MG | 22:58:03 | *change of plans on my way sorry for all this* |
| JS | 23:00:04 | *How many do you need?* |
| MG | 23:00:37 | *5* |
| JS | 23:01:03 | *we only have 3 left* |
| MG | 23:02:35 | *ok mela we can have those* |

| | | |
|---|---|---|
| JS | 23:02:56 | *of course ;)* |
| MG | 23:05:13 | *ok in xemxija soon there* |

Dawn il-messaġġi ġew segwiti minn messaġġ mibgħut minn Matthew Grech f'00:20:47 tal-jum tat-13 ta' Jannar 2013 li jaqra hekk: *"smoother than a a babys bottom lol"*.

Il-Qorti ma tarax kif skambju ta' din ix-xorta jista' jkun qiegħed jirreferi għal xi ħaġa oħra għajr sustanzi lleċiti, partikolarment fid-dawl tal-ħin li fihom ġew skambjati dawn il-messaġġi, il-vjaġġ li jidher li għamel Matthew Grech sabiex jakkwista l-istess u anke l-effett tal-istess 'servizzi' li jidher li presta l-imputat.

Il-messaġġi hawn fuq riportati lanqas ma huma l-uniċi messaġi li ġew skambjati mal-imsemmi Matthew Grech u li wieħed isib fost il-kontenut telefoniku tal-imputat. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza ulterjuri għas-segwenti messaġġi skambjati bejn l-imputat u Matthew Grech nhar il-15 ta' Jannar 2013:

| | | |
|---|---|---|
| MG | 19:33:46 | *Any chance of meeting in the next 30 min convinced a person to get some sweets* |
| JS | 19:33:46 | *ok how many?* |
| MG | 19:35:00 | *Just 2 i'm gonna leave naxxar now where can i meet u* |
| JS | 19:36:56 | *Airport in bus terminus. What time?* |
| MG | 19:39:11 | *Jesus christ i TOT u were somewhere centrall. Better leave it as theres not enough time for me to manage sorry for the hassle* |
| JS | 19:39:47 | *Somewhere nearer to you? Liquid in 15* |
| MG | 19:41:02 | *if its 15 min okay as I need to be home by 9 15* |
| JS | 19:41:23 | *Be there* |

Mhux biss jidher illi l-imputat f'din l-okkażżjoni kien issuġġerixxa li jiltaqa' sabiex iforni lil Matthew Grech ħdejn l-ajruport, iżda jidher ukoll illi x-xelta ta' sustanzi li seta' kien qiegħed jittraffika l-imputat kienet tvarja. Dan il-fatt, fil-fehma kkunsidrata tal-Qorti, jorbot tajjeb mall-fatt illi fil-pussess tal-imputat instabu kemm

pilloli *ecstasy,* kif ukoll traċċi ta' *MDMA* u anke kokaina. F'dan is-sens issir referenza għas-sensiela ta' messaġġi li kienu ġew skambjati bejn l-imputat u Matthew Grech fil-5 ta' Jannar 2013:

| | | |
|---|---|---|
| GM | 15:37:13 | *Hey Jothan a friend asked me where I can get hold of white priting papers u mentioned uve got a friend that might be able to help out, i tot i ask u"* |
| JS | 16;03:27 | *I will check around. How many papers does he need?* |
| GM | 16:07:50 | *Just one, the ones you don't like using just to be clear* |
| GM | 17:18:13 | *Dont know him* |
| GM | 17:20:39 | *Nope the one who used to have the horses ur frind used to ride on a weekly basis* |
| JS | 17:21:20 | *For when do you need it?* |
| GM | 17:36:10 | *Just to be clear we're talking about the nose hux?* |
| GM | 17:38 | *Yes haha* |
| JS | 17:41 | *Unfortunately i cant find out of stock .... I will try tonight in pv cause i know a friend who has good papers. But i have to see him, dont have his number* |
| GM | 17:42 | *Cheers leave it filkas cause was in need if it quickly* |
| JS | 17:43 | *OK i will ask him anyway for another time* |
| GM | 19:41:57 | *K* |

Il-Qorti rat ukoll is-segwenti skambju tal-1 ta' Frar 2013, li għal darb'oħra huwa determinanti għall-ewwel akkuża kif dedotta fil-konfront tal-imputat:

| | | |
|---|---|---|
| MG | 12:46:46 | *Jotham i have a friend of mine who requires ur services some time today at your own convenience* |

| | | |
|---|---|---|
| JS | 12:51:45 | *I work till 4 and im going to change tyres after work so it would be round 6. Is it ok? Filkaz i will call you when im ready from tyres* |
| MG | 12:52:59 | *Call me later then and i might give u his details, so u meet him better this way* |
| JS | 12:53:23 | *Ok bro laters* |
| Warren | 15:32:38 | *Good afternoon, I'm a friend of Mathew my name is Warren I'm hopping to meet-up with you tonight to get a few magic things. What time and were is good for you?* |

Persuna oħra li l-imputat (ukoll hawn isfel indikat bħala JS) skambja messaġġi magħha u li l-Qorti tqis li wkoll jagħmlu referenza għal xejn iżjed għajr sustanzi illeċiti u li allura jkomplu jsaħħu t-teżi proposta mill-Prosekuzzjoni hija ċerta Bernice Camilleri (hawn isfel indikata bħala BC), ma' liema ġew skambjati s-segwenti messaġġi nhar il-31 ta' Diċembru 2012:

| | | |
|---|---|---|
| BC | 10:26:23 | *hejj... happy new year* |
| JS | 10:26:45 | *same to you* |
| BC | 10:26:59 | *:)* |
| BC | 10:27:08 | *by any chance mux ha tkun qed liquid e?* |
| JS | 10:27:33 | *iva hemm ha nkun barra bejn l-10 u l-11* |
| BC | 10:27:53 | *mm mela nista nsaqsi lilek ;)* |
| JS | 10:28:13 | *mala ...* |
| JS | 10:28:45 | *ok hi cu later* |
| BC | 10:29:01 | *cu :)* |
| BC | 10:59:03 | *sry ha ndejqek* |
| BC | 10:59:09 | *bil kem /* |

| | | |
|---|---|---|
| JS | 10:59:49 | *How many?* |
| BC | 10:59:59 | *1 terra u rota* |
| JS | 11:00:39 | *Rota 10 l ohra 60* |

Għal darb'oħra, il-Qorti tqis illi hawnhekk l-imputat u Bernice Camilleri la kienu qegħdin jirreferi għal *CDs* u lanqas għall-biljetti, iżda purament għad-droga.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fost il-kontenut tal-*mobile phone* imsemmi, il-Qorti nnotat ukoll skambju konsiderevoli ta' messaġġi bejn l-imputat u ċertu Chris Vella, liema messaġġi wkoll ma jħallu ebda dubju f'moħħ din il-Qorti dwar il-mertu tal-konversazzjonijiet li dawn kellhom bejniethom. Mhux talli dawn il-messaġġi jkomplu jeliminaw kull dubju dettat mir-raġuni dwar ir-reat ta' pussess aggravat addebitat lill-imputat odjern, iżda jidher ċar illi l-istess imputat u Chris Vella kienu tassew "*partners*", kif *del resto* jirriżulta li ta' spiss kienu jsejjħu lil xulxin, fit-twettiq tar-reat in kwistjoni.

| | | | |
|---|---|---|---|
| CV | Il-Ġimgħa 18/01/2013 | 10:21:53 | *30 each ghal nuwnaa illum?* |
| JS | | 10:46:32 | *Bizzejjed nahseb* |
| CV | | 10:47:49 | *Tajjeb tajjeb ahjar hekk ballun fil baxx !! Filkaz dw keep them wanting hux lol* |
| JS | | 10:48:44 | *Thats the spirit habib...lol* |
| CV | | 11:13:48 | *Hahaha u melaaa lol* |
| CV | | 17:11:41 | *Hahahaha ok aqta l gharus barra plsss !! Isma brogan irrid 10 imma l flus qalli jatihom iktar tard kif igib il flus throughout the night 50 eur !! Ittih l mc's jew xjn ??* |
| JS | | 18:19:33 | *Issa ngiblu 10 mcs. L importanti li jtini l flus. X tahseb nafdah?* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| CV | | 17:26:29 | *Jien biex tehles minnhom ghitlek !! u le jtijomlok ta zgur !! Issa hu lahaq ftiehem mieghi ghax kont ha ntih tieghu kieku ghitli le imma Issa nghidlu filkaz ghax ahjar tnehhi dawk* |
| CV | | 17:27:06 | *Ghax kont se ntih tieghi ** |
| JS | | 17:27:45 | *Ok partner mela ngib 10 mcs ghal brogan jien.* |
| CV | | 17:28:28 | *Ok habib bomba !! Jinzlu wkoll qeghdin !! Bil 5 ghitlu* |
| JS | | 17:28:52 | *Tajjeb.Ejja ha nehilsu minnhom* |
| CV | | 17:29:38 | *u mela zobbb !! Mela jien 30 ha ngib !!* |
| JS | | 17:42:34 | *Jien 25* |
| CV | | 17:45:47 | *ok boss mela anke jien bhalek ha nkunu parigg ghax partners lol* |
| JS | It-Tnejn 21/01/13 | 08:05:04 | *Jien issa wasalt ghax bqajt rieqed siegha... ejja min hemm ha tasal il gimgha... stocktakingbomba!!! Lol* |
| CV | | 08:06:59 | *Hahah regajt tard ostja loool !! Bomba ostja stock qbilna ezatt hahahah ! Il gimgha ejja* |
| JS | | 13:06:39 | *Inti sejjer ghal flus ta brad illum? Tinsiex 10 tieghi...* |
| CV | | 13:08:39 | *Heq brad ghadu ghand amir imma sejjer hemm jien wara li nlesti min hawn* |
| JS | | 13:27:24 | *Jekk ikunu ghadhom ghaddejjin illejla nghaddi shemm jien* |
| CV | | 13:47:37 | *Ijja ta ha jibqaw qallu !! Ejja s hemm hemm ha nkun jien* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| JS | | 14:03:42 | *Jien nigi xi 6-7 ta. Tinsiex irridu nistokkjaw naqa illum habib* |
| CV | | 14:07:40 | *Ijja le xorta sejjer id dar ta jien gifieri nilhaq ngib imma mhux m ghand dak ta !! Ghax ma nistax naqbdu u tghidli qalbi jispicca jigi bin nejk ghalihom zgur u m'ghandiex aptit nahli hin !! Jien mghand ta hdejja ha ngib int x'se taghmel ?* |
| JS | | 14:30:02 | *Kif taghmel int partner. Procurement section tieghek...lol* |
| JS | | 14:31:19 | *Lool !! Saqsih fuq 1000* |
| CV | | 14:33:01 | *Kieku tajjeb l iehor imma li joqghodu jigu bin nejk idejquni !! Dan mal ewwel jaqdini miskin !! Issa nsaqsih ta....* |
| CV | | 17:02:05 | *Aw bro ! Dawk gabomli ta qeghdin hawnhekk !! Lil brad batlu u ma batx lura haqqqq !! u jiena rega darli mhux sejjer ghax ghajjien mejjet Issa u ha norqod minflok !! Dawk Amir qalli fis 7 sejrin l hemm gifieri.., tkun trid tghaddi ghal dawk ejja, jew inkella ghada hux !* |
| JS | | 17:03:13 | *Mela mbad nohodhom ghada mhemnx ghaggla...* |
| CV | | 17:06:26 | *Ok man ! fuq brad x'se taghmel ? Ma jridx jibatli !!* |
| CV | Il-Ġimgħa 25/01/2013 | 23:30:27 | *Jien grejt girja sal liquid ghax qed icempluli hafna nies !! Filkaz int hu hsieb playground jew ejja hawn xorta ta bro* |
| CV | | 23:30:29 | *Ma stajtx insibek fjn qijed aa ??* |
| JS | | 23:31:24 | *Jien gej liquid* |
| CV | | 23:35:04 | *Ok bro* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| CV | Is-Sibt 26/01/2013 | 11:31:44 | *Ok ta kollox sew !! Kemm nehejt int il bierah ? Jien 20* |
| JS | | 14:05:11 | *Jien 23 lol. Illum 50. Ahna niltaqu hacienda at 10 ta.* |
| CV | | 14:08:46 | *Successi partner biss !! Ijja ta at 10 niltaqhu hemm imbad nahsbulu eee* |
| CV | Is-Sibt 02/02/2013 | 01:02:06 | *Ejja l hawn ghax spiccali kollox* |
| CV | | 02:05:26 | *Fjn inti ?* |
| JS | | 02:22:54 | *Coconut gej* |
| CV | It-Tnejn 04/02/2013 | 07:12:04 | *Aw partner !! Bongu !! Ahba l ostja ghamilt mis 2 ta wara nofsinhar s Issa rieqed... kelli bzonna imma !! Il bierah kif mortu ?* |
| JS | | 07:14:44 | *Indunajt jien lol... bomba kien cosa. U relax habba li ma kelli xejn. Illum ejja ghal dawk 200 jien. Cu later partner* |
| CV | | 07:28:19 | *Tajjeb ostja ahjar.., u mela xi zobb nehejna bizzejjed ghal dil gimgha !!! Ijja mela dawk nghaddi ghalihom illejla filkaz ta* |
| JS | 05/02/2013 | 06:47:38 | *Aw habib bqajt rieqed il bierah lanqas smajtu l mobile. Ejja ghal dawk wara xol filkaz* |
| CV | | 07:47:38 | *Aw siehbi Ijja indunajt jien !! Sewwa ghamilt ha tistrieh !!! Mela mela filkaz nghaddi wara ix xol mela ta..., jien diga gibthom tieghi il bierah ghax kelli bzonn u ma kelli xejn* |
| JS | | 08:08:11 | *Ok ahna laqwa li sal hamis ikunu ghandna...* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| CV | | 08:08:47 | *mela mela dik l aqwa hux* |
| JS | | 08:09:08 | *Cu illejla partner* |
| CV | 05/02/213 | 15:23:26 | *Aw partner !! Int wasalt id dar ?* |
| JS | | 15:24:52 | *Iva gej s hawn?* |
| CV | | 15:25:58 | *Ijja mela !! Gej Issa mela...* |
| CV | 06/02/2013 | 07:32:46 | *Bongu partner !! Dawk ok ta gibthom xbin.., kellu jigi fit tard ghax kwazi spiccawli qalli !! Fit Tarf donnhom qeghdin dawn ukoll.., pero nahseb sibt iehor bi prezz bomba !! Ejja minn hemmm Gozo* |
| JS | | 07:33:39 | *Mela narak wara xol. Gej inti? Jew qeghdin ghandek?* |
| CV | | 07:36:59 | *Ijja mla nigi wara xol filkaz !! Le mhux fuqi qeghdin ta* |
| JS | | 07:37:55 | *Isma ippruva ejja qabel il 5 ghax ghandi bzonn nohrog dak il hin please...* |
| CV | | 07:39:25 | *eeee qabel it 8 ta llejla zgur ma nistax nigi !! Ghandi balla giri bro* |
| JS | | 07:39:56 | *Mela gibhomli pv illejla tajjeb?* |
| CV | | 07:43:34 | *Filkaz ghaddi wahda sa dar tieghi qabel titla pv ghax mhux hiereg jien illejla !!* |
| JS | | 07:45:29 | *Inti mhux sejjer id dar wara xol? Ghax jien sejjer pv fil 5 u nibqa hemm... kieku filkaz nghaddi ghalihom qabel immur pv fil 5* |
| CV | | 07:48:51 | *eee mla fil 5 sejjer pv ?? Le le mhux ha nkun id dar qabel it 8 zgur !! Ghalhekk qed nghidlek..., irrid* |

| | | |
|---|---|---|
| | | *nitla Bahar ic caghaq u sliema wara ix xol u mhux ha ninzel u nerga nitla min San gwann ghax insib xeba traffic !!* |
| JS | 07:54:55 | *Mela issa nitkellmu aktar tard ha nikkonferma ma maddy hux sejrin il film filkaz worst case tellahom mieghek ghada u gibhomli fxi hin ix xol* |
| CV | 07:58:09 | *Inti ghandek bzonnhom ghal xi hadd imma ?? Ghax filkaz ahjar ghada ghax illum zgur ma nistax jien..., u jekk tghidli ingibomlok wara ix xol ghada id dar ahjar ghax fuq ix xol nidejjaq intella ifimni !!!* |
| JS | 08:02:05 | *Ha nkunu tight hafna imma filkaz naghmlu hekk np.gibhomli wara xol ghada mhux tard hafna ghax fis sitta irridu nitilqu lejn ghawdex* |
| JS | 08:04:20 | *Jekka nkunx sejjer film illejla nghidlek u gibhomli illejla wara 8. Jien inkellmek aktar tard partner* |
| CV | 08:05:40 | *Ezatt ostja imma giet hekk haq oxxa !! Filkaz naghmlu hekk mla nibqa gej wara xol ghal ghandek halli mbad nitilqu !!! Ijja jekk ikun hemm xi change of plans illejla ghidli ha nehilsek ahjar.....* |
| CV | 08:13:04 | *Jien ha niprepara kollox illejla filkaz ghax imbad xeba hassle !!* |
| JS | 08:13:34 | *Jien nibda illejla u nkompli ghada ghax mhux se nlahhaq* |

Dawn il-messaġġi fuq ċitati huma b'żieda mal-messaġġi fil-*mobile phone* tal-imputat li ssirlu referenza għalihom waqt ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri. Dawn kienu l-messaġġi bejn Christine u l-imputat odjern proprju fil-jum tal-arrest tiegħu:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Christine | 15/02/2013 | 12:16:30 | *Need stuff, can you provide? Thanks* |
| JS | | 12:17:02 | *Who is this?* |

| | | |
|---|---|---|
| Christine | 12:19:17 | *Christine friend of stef u dri we met once at Rookies I got ur whatsapp cos ur on my fb* |
| Christine | 12:19:28 | *It somehow synced* |
| JS | 12:19:54 | *kemm trid?* |
| Christine | 12:20:20 | *4* |
| JS | 12:20:55 | *Int fejn toqod?* |
| Christine | 12:21:56 | *Msida* |
| JS | 12:22:57 | *Pero ghal xi 5 illejla inkun nista. Will call u later and meet up ok??* |
| Christine | 12:23:51 | *ija ok tajjeb* |
| Christine | 12:24:35 | *Thanks* |
| Christine | 12:35:12 | *X'hin tkun tista ghidli kemm huma pls* |
| JS | 15:42:35 | *B kollox 40. Jien inkun msida in 15 mins. Fejn ha niltaqu ?* |

Fil-fehma tal-Qorti, il-kliem "*need stuff*" ma jirreferux għal *CDs* kif isostni l-imputat odjern. Din hija referenza ċara għal droga u xejn iżjed. In kontro-eżami, meta mistoqsi dwar dawn il-messaġġi u b'mod speċifiku "*Jew riedet xi haga ohra mhux CDs?*", l-imputat iwieġeb fin-negattiv u jgħid illi huwa ma kellux iżjed xi jbiegħ, ħlief *tickets*, imma, fi kliemu stess "*kieku kienet tghidli tickets hux*"[18]. Il-Qorti tirrileva illi bl-istess raġunament tal-imputat, jekk ma qaltlux *tickets* lanqas ma qaltlu *CDs* u allura bl-istess loġika tiegħu, tali persuna kienet tirreferi b'mod dirett għal-*CDs li* kieku tassew riedet *CDs* u ċertament ma kienx ikun hemm il-ħtieġa li titlob '*stuff*'. Huwa ferm relevanti wkoll illi dakinhar l-imputat kellu fil-pussess tiegħu 97 pillola *ecstasy.* L-istess tikkonkludi l-Qorti dwar il-messaġġi l-oħrajn li għalihom issir referenza lill-imputat odjern fix-xhieda tiegħu u dan b'mod partikolari wara li wieħed jara l-bqija tal-messaġġi fuq ċitati, li ma jħallu l-ebda dubju dwar il-portata tagħhom.

Hekk per eżempju l-messaġġi mingħand ċerti Damon Booth (DB) li, skont l-imputat jista' jkun li ma kienx jafu, u li n-numru tiegħu madankollu kien ukoll imniżżel fil-*phonebook* tal-*mobile* tal-istess imputat bħala 7944 7070, jgħidu hekk:

| | | | |
|---|---|---|---|
| DB | 28/12/2012 | 13:59:24 | *Hi mate, it's the guy you met at the Meridien Tris friend. I want something for my nose can you help ?* |
| JS | | 14:00:14 | |

[18] Ara a fol. 192A tal-proċess.

| | | |
|---|---|---|
| | | *I dont have bur I will ask a but around and let you know* |
| DB | 14:01:18 | *Cool thanks* |
| DB | 18:25:02 | *Any joy mate ?* |
| JS | 18:25:51 | *No luck yet* |
| DB | 18:27:37 | *Ok I will try elsewhere thanks though* |
| JS | 18:28:13 | *Ok bro happy ny* |
| DB | 18:29:19 | *You to speak soon buddy* |

Lanqas hawn m'hawn dubju illi l-kliem "*something for my nose*" hija referenza ċara għad-droga u fil-kuntest tal-messaġġi kollha ċitati iżjed 'il fuq, huwa evidenti illi l-imputat mhux biss kien jaf lil din il-persuna, iżda din il-persuna kienet taf li l-imputat jispaċċa d-droga jew kellu aċċess għaliha u mhux kif jgħid l-istess imputat, illi dan bagħat il-messaġġi biex jiċċajta jew li jista' jkun li ma kienx jafu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Tqis ukoll il-Qorti, imbagħad, illi hemm punti fil-verżjoni mogħtija mill-imputat fix-xhieda tiegħu illi mhumiex verosimili jew inkella m'għandhomx mis-sewwa. Fl-istess xhieda huwa jikkonferma dik il-parti tal-istqarrija tiegħu fejn qal illi meta huwa ħareġ mid-dar u mar lejn l-ajruport kien għadu ma ddeċidiex jekk joħroġx jew le, iżda x'ħin kien qed isuq ċemplitlu ħabiba tiegħu u waqaf biex jirrispondiha. Skont hu, din qaltlu biex jgħaddi għaliha jekk kien ser joħroġ u hemm iddeċieda li jekk joħroġ, immur id-dar jinħasel, ibiddel u jiġbor lil din il-ħabiba tiegħu. Għalhekk l-imputat jipprova jagħti l-impressjoni li huwa kien mingħalih li kien sejjer id-dar wara l-ajruport, u li kienet din ir-raġuni li kien żamm il-pilloli fil-pussess tiegħu, wara li skont hu, kien nesihom fil-karozza. Huwa evidenti madankollu mill-kontenut tal-*mobile phone* illi din il-verżjoni m'għandhiex mis-sewwa u dan b'mod partikolari mis-segwenti messaġġ li huwa bagħat fil-17:07:07 tal-jum tal-arrest tiegħu: *"ok mela mbad niltaqu bellini. Jiena ha nifthiem ma l ohrajn xi 10 hemm inbad ejjew"* u saħansitra, permezz ta' messaġġ ieħor fil-17:11:43, l-imputat offra lil Ashley Grima sabiex jgħaddi għaliha: *"inti trid titla' miegħi pv?"*. Jidher

għalhekk illi l-imputat diġa` kien lest biex joħroġ meta nstab fil-pussess tal-pilloli ħdejn l-ajruport, tant illi lill-istess Ashley Grima bagħatilha messaġġ ieħor fil-17:14:16 li jaqra hekk: *"ha nkunu jien chris amir u ghandhom jigu maddy u nadine later. Jien niftiehem ma l ohrajn at 10 bellini"*. Effettivament anke fix-xhieda tiegħu, huwa jgħid illi wara li xtara l-pilloli in kwistjoni dakinhar, mar id-dar biex jorqod "*ghax trid torqod biex tipprepara qisu ghall-weekend* ...".[19] Mhux biss, iżda jgħid ukoll illi wara li kien xtara l-pilloli, tant kien għajjien li meta daħal id-dar nesihom fil-karozza u li mbagħad meta nduna, kien ser jeħodhom lura d-dar u twaqqaf hekk kif kien sejjer id-dar. Fil-fatt apparti li twaqqaf hekk kif kien għadu l-ajruport, jidher illi l-intenzjoni tal-imputat diġa` kienet li joħroġ u għalhekk mhijiex verosimili l-verżjoni tiegħu li kien nesihom fil-karozza u li kien ser jeħodhom id-dar. Wara kollox il-bott bil-pilloli nstab fil-but tiegħu, fil-waqt illi l-pakkett tas-sigaretti bil-pilloli nstab fil-bieba tal-vettura u għalhekk mhux minnu dak li jgħid l-imputat fix-xhieda tiegħu illi qiegħed il-bott fil-but biex ma jħallix droga tiġri fl-istess vettura. In oltre lanqas ma hija kredibbli l-verżjoni tal-imputat meta jgħid illi apparti l-okkażżjoni l-oħra preċedenti li fiha xtara mitt pillola, mill-bqija kien jixtri pillola pillola matul il-lejl, meta apparti li f'kamartu nstabu għaxar pilloli oħrajn, li allura skont il-verżjoni tiegħu, kieku kien jużahom u mhux iħallihom hemm għax ikun fadallu, fl-istess nifs jgħid illi kien jieħu daqs medda ta' għaxar pilloli f'lejl.

Ikkunsidrat dan kollu, b'mod partikolari n-numru ta' pilloli li nstabu fil-pussess tal-imputat, iċ-ċirkostanzi li fihom instabu, kif ukoll il-messaġġi li nstabu fuq il-*mobile phone* Samsung fil-pussess tal-istess imputat, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (a) tirriżulta ippruvata fil-grad rikjest mil-liġi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Permezz tal-imputazzjoni (b), imbagħad, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess 'sempliċi' tal-kokaina. Apparti li f'dawn il-proċeduri, l-imputat irreġistra ammissjoni in kwantu l-pussess ta' din is-sustanza, dan huwa wkoll ikkonfermat mill-konklużjonijiet tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, mil-liema jirriżulta illi minn *swabs* meħuda minn żewġ boroż tal-plastik misjuba fir-residenza tal-imputat odjern, instabet is-sustanza kokaina. Għaldaqstant, din l-imputazzjoni tirriżulta ippruvata.

L-istess irid jingħad dwar l-imputazzjoni (ċ) li tikkontempla l-pussess tal-pjanta tal-*cannabis* kollha jew biċċa minnha. Apparti l-ammissjoni tal-imputat dwar l-imputazzjonijiet li jikkontemplaw il-pussess, inkluż din l-imputazzjoni, fil-pussess

[19] Ara a fol. 161 tal-proċess.

tal-imputat ossia fir-residenza tiegħu, instabet proprju din is-sustanza f'piż ta' 0.18 grammi.  Għaldaqstant anke din l-imputazzjoni tirriżulta ippruvata.

Dwar l-imputazzjoni (d), imbagħad, li tikkontempla l-pussess 'sempliċi' tal-mediċina psikotropika u ristretta *LSD*, l-imputat ukoll irreġistra ammissjoni, iżda dwar dan il-Qorti tirrileva b'referenza għall-karti li nstabu fil-pussess tal-imputat, proprjament fir-residenza tiegħu ossia '*borża tal-plastik trasparenti żgħira li fiha biċċa karta*' u *'borża tal-plastik trasparenti żgħira li fiha biċċa karta*', illi dawn irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti.  Għaldaqstant, minkejja l-ammissjoni tal-imputat ma jirriżultax illi fil-pussess tiegħu huwa kellu s-sustanza in kwistjoni u minkejja illi din l-imputazzjoni, bħall-imputazzjonijiet l-oħrajn, tirreferi wkoll għas-sena ta' qabel il-15 ta' Frar 2013, f'dawn iċ-ċirkostanzi, jitnissel dubju dwar kemm verament l-imputat kellu s-sustanza *LSD* fil-pussess tiegħu.  Għaldaqstant, il-Qorti qed tqis illi din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

Permezz tal-imputazzjoni (e), l-imputat ġie akkużat ukoll bl-aggravju tad-distanza. Jirriżulta illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat ġie mwaqqaf quddiem it-*terminal* tal-ajruport internazzjonali ta' Malta, meta fil-pussess tiegħu, kif ingħad, huwa kellu 97 pillola *ecstasy*.  Il-Qorti ma jidhrilhiex illi l-ajruport imsemmi huwa post fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ fit-termini tal-liġi u għaldaqstant, dan l-aggravju ma jirriżultax.

Finalment l-imputat qed jiġi akkużat bl-addebitu tar-reċidiva.  F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke tad-9 ta' Settembru 2010, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur A P Miruzzi) vs Jotham Saliba', mil-liema sentenza jirriżulta illi l-konnotati tal-imputat f'dak il-każ, inkluż in-numru tal-karta tal-identita` tiegħu huma identiċi għal dawk tal-imputat odjern.  Għalhekk il-Qorti tqis illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi din is-sentenza ngħatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern.  Permezz tal-istess sentenza, huwa instab ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal piena ta' multa ta' €800, apparti illi ngħata żmien tliet xhur sabiex jikkonforma ruħu mal-liġi u fin-nuqqas, kellu jeħel multa ta' ħmistax-il ewro għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara t-terminu ta' tliet xhur.  Mill-atti proċesswali ma jirriżultax lill-Qorti jekk din il-piena ġietx skontata (u allura mħallsa) jew maħfura, u għaldaqstant l-imputat qed jinstab ħati biss tar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat, liema fedina penali m'hijiex waħda allarmanti.

Tqis ukoll l-ammont ta' pilloli *ecstasy* misjuba fil-pussess tal-imputat, li dan ma kienx xi ammont żgħir, in-natura serja tal-imputazzjoni (a) kif dedotta fil-konfront tiegħu, kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Fir-rigward tal-flus kontanti elevati mill-pussess tal-imputat, fil-waqt illi huwa plawsibbli illi l-imputat kien jaqla' flus tramite l-involviment tiegħu fil-*band* li kien jagħmel parti minnha, mill-atti ma tirriżultax prova fil-grad rikjest mil-liġi illi tali flus kienu ġejjin proprju mill-bejgħ tad-droga. In oltre stante illi mill-*mobile phone* tal-għamla Nokia ma jirriżultawx messaġġi konnessi mad-droga, il-Qorti qed tordna r-rilaxx tal-istess *mobile phone* lill-imputat.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985, l-Artikoli 17(f) u 49 tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet (d) u (e) miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet (a), (b), (c) u (f) u tikkundannah għall-piena ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija effettiva u multa ta' elfejn u tliet mitt ewro (€2,300), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u ħamsin ewro (€150), bl-ewwel pagament jitħallas mill-ħati fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-esperti maħtura fl-istadju tal-inkjesta dwar dan il-każ, kif ukoll f'dawn il-proċeduri, ossia l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mitejn, tlieta u disgħin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€293.53), l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' PS 186 Kristian Mintoff, ammontanti għas-somma ta' disgħa u tmenin ewro (€89), kif ukoll is-somma ta' elf u disa' ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€1,009.38), b'kollox tali spejjeż ammontanti għas-somma ta' elf, tliet mija, wieħed u disgħin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€1,391.91), liema somma għandha titħallas mill-ħati fi żmien tliet xhur mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-proviso tal-Artikolu 120A(2)(b) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-*mobile phone* Samsung u tas-*sim card* mal-istess ċellulari, esebit bħala Dok. PG4, favur il-Gvern ta' Malta, fil-waqt illi tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* Nokia u s-*sim card* esebiti bħala Dok. PG5 favur il-ħati.

Tordna wkoll ir-rilaxx tas-somma ta' ħamsa u disgħin ewro (€95) esebita bħala Dok. PG6 u tas-somma ta' elf, mija u għoxrin ewro (€1,120) esebita bħala Dok. PG7, favur il-ħati.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti relatati esebiti fl-atti hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi inserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat